MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2015

Numru. 1004/2012

**Il-Pulizija**

**[Spettur Jesmond Micallef]**

**vs**

**David Xuereb**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi David Xuereb detentur tal-karta tal-identita` numru 42873(M).

Akkuzat talli:

1. Nhar it-18 ta' Frar 2012 u fix-xhur u fis-snin ta' qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda
2. Fit-3 ta' Frar 2012, matul il-jum u cioe' ghall-habta tas-sitta w kwart ta' fil-ghaxija (18:15hrs), f'dawn il-Gzejjer u cioe' gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' Tas-Sliema, bil-hsieb li taghmel hsara lil xi persuna, akkuza lil WPC 261 Donatella Frendo quddiem awtorita` kompetenti b'reat, filwaqt li kien jaf li dik il-persuna hija nnocenti;
3. U aktar talli fil-21 ta' Jannar 2012, ghall-habta tal-ghaxra ta' bil-lejl (22:00hrs), f'dawn il-Gzejjer, bil-hsieb li jaghmel hsara lil xi persuna, akkuza lil WPC 261 Donatella Frendo quddiem awtorita` kompetenti b'reat, filwaqt li kien jaf li dik il-persuna hija nnocenti;
4. U aktar talli fit-18 ta' Frar 2012 ghall-habta tas-sitta w nofs ta' fil-ghaxija (18:30hrs) u kif ukoll fit-22 ta' Frar 2012 ghall-habta tas-siegha ta' wara nofs inhar (13:00hrs) gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' Tas-Sliema, bil-qerq holoq jew gieghel jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-gatt jew cirkostanza jkunu jistghu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuni ohra u cioe' kontra WPC 261 Donatella Frendo u kontra Yasmin Mulvaney u kontra l-membri tal-Korp tal-Pulizija stazzjonati gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' Tas-Sliema fid-data msemmija, bil-hsieb li b'hekk dawn il-persuni jkunu jistghu jigu kontra s-sewwa akkuzati jew misjuba hatja ta' reat;
5. U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi, iddenunzjajt lill-Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq it-tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar;
6. U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi, gab ruhu b'mod li kien jaf jew kien imissu kien jaf li dan kien ta' fastidju ghal din il-persuna;
7. U finalment talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi ghamel lil haddiehor u cioe' lil WPC 261 Donatella Frendo, ingurji jew theddid, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija, tipprovdi ghas-sigurta` tal-persuni msemmija aktar 'il fuq u dan ai termini tal-Artikoli 383 u 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti pprezentati; inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja; u

Rat l-artikoli indikati u cioe` l-Artikoli 18, 101 (1) (2), 106, 109, 110 (1), 110 (2), 251A, 339 (1) (e), 383, 412C tal-Kodici Kriminali.

Stante ammissjoni mill-imputat u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, qed issib lill-imputat David Xuereb hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tliet (3) snin mil-llum.

Finalment spjegat fi kliem semplici lill-imputat, ir-riperkussjonijiet jekk tali ordni ma tigix obduta.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------